MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 44/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Carmelo Borg**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli meta b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, bejn is-7 ta’ Ottubru, 2009 sa l-4 ta’ Novembru 2009, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’kuntratt naqas li jaghti lil Josette (Josephine) Borg u/jew lil uliedu s-somma fil-gimgha ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha w/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-1 ta’ Frar, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati u kkundannatu gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 ta’ Frar, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija u fil-kaz li din il-Qorti tikkonferma l-htija tal-appellant, li tvarja l-piena nflitta ghal piena ohra anqas skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi meta fil-konfront tal-appellant gie applikat id-dispost tal-artikolu supra citat. L-eghmil tal-appellant huwa wiehed u cioe` n-nuqqas ta’ hlas ta’ manteniment. Illi l-prosekuzzjoni fl-ebda istant ma resqet il-quddiem l-icken prova, li l-appellant odjern ghamel jew ma ghamilx atti, kollha maghmula sabiex huwa ma jhallasx il-manteniment.
2. Illi meta l-appellant ha l-pedana tax-xhieda u huwa pprezenta d-dokumenti li jinsabu esebiti in atti, l-appellant ressaq il-quddiem id-difizi su citati. Illi jigi mfakkar li sabiex persuna tinstab hatja ta’ kontravvenzjoni, l-prosekuzzjoni kull ma ghandha tipprova huwa l-eghmil, minghajr il-htiega li tkun ippruvata l-intenzjoni tal-appellant. Naturalment il-piz ta’ din il-prova jinkombi fuq min qieghed iressaq il-quddiem din id-difiza. L-appellant, ben konsapevoli ta’ dan, mhux biss ha l-pedana tax-xhieda, izda ukoll ipprezenta d-dokumenti esebiti in atti. Legittimament u ragjonevolment, l-appellant jistaqsi, jekk persuna li tinsab ma tistax tidhol ghax-xoghol minhabba ragunijiet ta’ sahha u li minhabba l-perjodu fit-tul ta’ tali rikoversu, tali persuna spiccala l-beneficcju tas-“sick leave” u anke tal-leave, jista` qatt dak il-persuna johrog ghax-xoghol meta huwa jrid? Legittimament u ragjonevolment, la-ppellant li qieghed jircievi paga ta’

Euro 835 fix-xahar u li minnhom huwa jrid ihallas Euro 800, u li allura huwa suppost qieghed jghix bi Euro 35 fix-xahar, seta` qatt kien qieghed igemma xi flejjes mil-paga tieghu? Legittimament u ragjonevolment, l-appellant jistaqsi jekk huwa kienx diligenti bizzejjed u ghamel dak kollu possibbli skond il-ligi sabiex il-menteniment dovut minnu, jkun wiehed li lilu jippermettilu li jghix b'mod dinjituz? Legittimament u ragjonevolment jigi mistoqsi x'seta jaghmel aktar milli ghamel l-esponenti? It-twegibiet ghal dawn il-mistoqsijiet kollha jwasslu ghal twegiba wahda u cioe` li d-difiza tal-*buona fede coupled* bid-difiza ta' *nemo tenetur ad impossibilia,* giet ippruvata skond il-ligi.

3. Minghajr pregudizzju ghall-aggravji suesposti, l-appellant jikkontendi li l-piena mposta hija fix-xorta taghha wahda eccessiva.

Tenut kont tal-varji forom ta' piena a tenur tal-artikolu 7 tal-Kodici Kriminali, li jistghu jkunu mposti fuq persuna hatja ta' kontravvenzjoni, tenut kont li l-appellant huwa "a first time offender", tenut kont tal-fatt li l-kawza ma kienitx kontestata b'mod frivolu u/jew sabiex jittawwal u jinhela zmien inutilment, tenut kont tal-fatt li piena ta' pirgunerija ser twassal sabiex l-appellant jitlef l- impjieg tieghu mal-Gvern u ghaldaqstant il-posizzjoni tal-appellant ser tkun wahda aktar imwera ghalih u ghal min huwa dovut il-manteniment, tenut kont tal-fatt li l-appellant ma huwiex recidiv f'din il-kontravvenzjoni, u lanqas ta' xi reat iehor stante li huwa "first time offender", l-appellant jemmen li l-piena nflitta fuqu kienet wahda eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi.

Illi l-appellant wisq jemmen li lanqas il-parte civile, f'kaz li hija tigi mistoqsija ma ghandha xi interess sabiex l-appellant ipatti ghal eghemilu permezz ta' piena ta' prigunerija sabiex b'hekk jitlef l-impjieg tieghu.

Ikkunsidrat :

B'verbal tas-7 ta' Ottubru, 2011 il-Qorti giet infurmata li l-appellant ghamel pagament a saldu lill-martu l-parti civili u ghal dak li jirrigwarda din il-kawza ma hemmx aktar pendenzi bejniethom. F'dan l-isfond l-appellant irtira l-

aggravju fuq il-mertu u talab li tinghata sentenza fuq il-piena.

Ikkunsidrat :

Il-qorti dejjem thares posittivament lejn sitwazzjonijiet bhal dawn u hija sodisfazzjon ghaliha meta kwistjonijiet finanzjarji bejn konjugi f'diffikolta, jigu rizolti minghajr il-htiega tal-enforzar tal-estremi tas-sanzjoni. Forsi hija proprju din it-theddida li twassal ghas-soluzzjoni imma anke jekk inhu hekk, dejjem ahjar mit-tkomplija ta' litigazzjoni li ma twassal imkien ghajr aktar piki, atrit u forsi anke mibgheda.

Dan hu l-hsieb wara s-sentenza "Il-Pulizija vs Publius Said" (25 ta' Settembru 2003) fejn il-Qorti qalet : *"l-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fil-1983 (bl-emenda tal-1986), kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet li ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena ......."*

Dan hu propju dak li gara f'dan il-kaz. Wara l-ghoti tal-ewwel sentenza u fil-mori tal-appell, l-appellant hallas dak li kien dovut li jhallas u ghalaq il-kwistjonijiet li kellu mal-parti civili ghal dak li jirrigwarda din il-kawza. Il-htija pero` xorta qeghda hemm, ghax l-appellant fi zmien indikat kien fi ksur tal-ligi u dan ma jistax jinbidel.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` u tiddeciedi li tilqa` l-appell in parte u filwaqt li tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn sabet htija, tirriformaha fejn ikkundannat lill-appellant ghal gimgha detenzjoni u minflok tilliberah taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------